

RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1431

tal-24 ta' Awwissu 2022

dwar is-sorveljanza ta' sustanzi perfluoralkilati fl-ikel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sustanzi perfluoralkilati (PFAS) kienu u xi wħud għadhom jintużaw f'medda wiesgħa ta' applikazzjonijiet industrijali u għall-konsumatur, li jinkludu l-kisi reżistenti għat-tbajja' fuq id-drappijiet u fuq it-twapet, il-kisi reżistenti għaż-żejt fuq il-prodotti tal-karti u tal-kartun għall-kuntatt mal-ikel, l-ixkumi għat-tifi tan-nar, l-aġenti tensjoattivi fil-minjieri u fil-bjar taż-żejt, il-lostri tal-art u l-formulazzjonijiet tal-insettiċidi. L-użu mifruż tagħhom, flimkien mal-persistenza tagħhom fl-ambjent irriżultaw f'kontaminazzjoni ambjentali mifruxa. Il-kontaminazzjoni tal-ikel b'dawn is-sustanzi hija prinċipalment ir-riżultat ta' bijoakkumulazzjoni fil-ktajjen tal-ikel akkwatiċi u terrestri, u tal-użu ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel li fihom il-PFASs. L-aċidu perfluworottansulfoniku (PFOS) u l-aċidu perfluworootanojku (PFOA) u l-imlieh tagħhom huma l-PFASs li jinsabu fl-ikel u fl-bnedmin fl-ogħla konċentrazzjonijiet.
- (2) Għalhekk l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") talbet lill-Bord Xjentifiku dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel tagħha biex iħejji opinjoni dwar l-importanza tal-ikel u l-kontribut relattiv tal-oġġetti tal-ikel differenti u tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel fl-esponiment tal-bniedem għall-PFOS, il-PFOA u l-imlieh tagħhom, u biex jagħti l-parir tiegħu dwar passi oħra marbutin mal-valutazzjoni tar-riskju tal-PFASs.
- (3) Il-Bord Xjentifiku dwar Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel adotta opinjoni xjentifika dwar il-PFOS, il-PFOA u l-imlieh tagħhom fit-21 ta' Frar 2008 ⁽¹⁾, li tiddikjara li aktar *data* dwar il-livelli tal-PFASs fl-ikel u fl-bnedmin tkun rakkomandata, b'mod partikolari fir-rigward ta' xejriet ta' monitoraġġ fl-esponiment tal-bniedem.
- (4) Inġabret *data* addizzjonali tal-okkorrenza dwar diversi PFASs fl-ikel skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/161/UE ⁽²⁾.
- (5) Fl-2020, fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità aġġornat il-valutazzjoni tar-riskju tagħha tal-PFOS u tal-PFOA u estendietha għall-aċidu pefluworononanojku (PFNA) u għall-aċidu perfluworoežansulfoniku (PFHxS), filwaqt li qieset l-aktar informazzjoni xjentifika reċenti u d-data dwar l-okkorrenza miġbura skont ir-Rakkomandazzjoni 2010/161/UE. Fl-opinjoni tagħha dwar ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem relatat mas-sustanzi perfluoroalkilati ⁽³⁾, ikkonkludiet li partijiet mill-popolazzjoni Ewropea jaqbz u doża tollerabbli fil-ġimgħa. Madankollu, l-Awtorità nnutat li għad hemm nuqqas ta' sett rappreżentattiv ta' *data* dwar l-okkorrenzi għal ħafna ikel u, għalhekk, irrakkomandat li tinġabar tali *data* għal firxa wiesgħa PFASs ffirxa wiesgħa ta' ikel ikkunsmat b'mod wiesa'. Barra minn hekk, peress li l-konċentrazzjonijiet imkejla tal-PFASs f'ċertu ikel inkisbu biss b'metodi analitiċi sensittivi ħafna, li bħalissa ma jistgħux jinkisbu għall-maġġoranza tal-laboratorji, hija rrakkomandat li jiġu implimentati metodi analitiċi sensittivi għall-analiżijiet tal-PFASs.

⁽¹⁾ Opinion of the Scientific Panel on Contaminants in the Food chain on Perfluorooctane sulfonate (PFOS), perfluorooctanoic acid (PFOA) and their salts, The EFSA Journal (2008) 653, pp. 1-131.

⁽²⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/161/UE tas-17 ta' Marzu 2010 dwar is-sorveljanza ta' sustanzi perfluoralkilati fl-ikel (ĠU L 68, 18.3.2010, p. 22).

⁽³⁾ Il-Bord tal-EFSA dwar il-Kontaminanti fil-Katina tal-Ikel (CONTAM); Scientific opinion on the risk to human health related to the presence of perfluoroalkyl substances in food., EFSA Journal 2020;18(9):6223.

- (6) Fid-dawl tal-opinjoni tal-Awtorità, id-*data* dwar l-okkorrenza għal firxa wiesgħa ta' PFASs jenħtieġ li tinġabar f'ikel li huwa rilevanti għall-esponiment tal-bniedem għall-PFASs sabiex tiġi appoġġata valutazzjoni tal-esponiment djetetiku u tiġi vvalutata l-ħtieġa li dawn is-sustanzi jiġu rregolati f'komoditajiet speċifiċi. Għal dan il-għan, ikel speċifiku minn tipi speċifiċi ta' produzzjoni jew b'karatteristiċi speċifiċi, li għalih hemm nuqqas ta' *data*, jenħtieġ li jiġi mmonitorjat u jenħtieġ li tiġi pprovduta stima tal-fatturi tal-ipproċessar għal diversi prodotti pproċessati.
- (7) Investigazzjonijiet ta' segwitu lejn is-sorsi ta' kontaminazzjoni huma meħtieġa biex jippermettu l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' segwitu biex tiġi evitata l-okkorrenza tal-PFASs fl-ikel. Sabiex tingħata gwida f'dan ir-rigward, huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli indikattivi tal-konċentrazzjonijiet tal-PFASs fl-ikel. Dawk il-livelli jenħtieġ li ma jaffettwawx il-possibbiltà li jitqiegħed fis-suq kwalunkwe ikel, iżda l-investigazzjonijiet jenħtieġ li jitwettqu meta l-konċentrazzjoni tal-PFASs foġġett tal-ikel taqbeż dawk il-livelli. Sabiex jiġu kkwantifikati l-konċentrazzjonijiet tal-PFASs fil-kwantitajiet li jseħħu fihom, jenħtieġ li jintużaw metodi sensittivi biżżejjed. Dan jenħtieġ li jithegħġegħ billi jiġu rrakkomandati limiti fil-mira ta' kwantifikazzjoni.
- (8) L-ikel li joriġina mill-annimali huwa kontributur importanti għall-esponiment tal-bniedem għall-PFASs. L-Awtorità kkonkludiet li l-PFASs jiġu ttrasferiti mill-għalf għal ikel derivat mill-annimali, b'differenzi ċari bejn l-ispeċijiet u t-tip tal-PFASs. Dan it-trasferiment tal-PFASs jista' jseħħ ukoll mill-ħamrija li tiġi iġestita mill-annimali tal-farms li jieklu l-ħaxix u mill-ilma tax-xorb għall-annimali. Għalhekk, għall-investigazzjonijiet ta' segwitu li għandhom l-għan li jiddeterminaw il-kawżi tal-kontaminazzjoni, fejn jinqabżu l-livelli massimi tal-PFASs fl-ikel li joriġina mill-annimali stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ⁽⁴⁾, huwa importanti li l-laboratorji jkunu jistgħu jikkontrollaw ukoll l-għalf, l-ilma tax-xorb tal-annimali u l-ħamrija li fuqha jgħixu l-annimali. Madankollu, bħalissa f'tit hemm *data* disponibbli dwar l-okkorrenza tal-PFASs fl-għalf tal-Unjoni u li tippermetti l-istudju tal-għalf bħala sors tal-PFASs fl-ikel li joriġina mill-annimali. Peress li għadd limitat biss ta' laboratorji huma kapaċi janalizzaw il-PFASs fl-għalf, qed isir aktar xogħol mil-Laboratorju ta' Referenza Ewropew għal pollutanti organiċi persistenti aloġenati fl-għalf u fl-ikel, biex jgħinu lil-laboratorji jiżviluppaw tali kapacià. Filwaqt li dik il-ħidma jenħtieġ li tippermetti l-adozzjoni fil-futur ta' aktar rakkomandazzjonijiet dwar il-PFASs fl-għalf, ladarba jkun hemm kapacià analitika suffiċjenti fost il-laboratorji, sadanittant, dawk l-Istati Membri, li l-laboratorji tagħhom diġà jistgħu janalizzaw il-PFASs fl-għalf, jenħtieġ li jiġu rakkomandati li jagħmlu dan diġà u, f'dawk l-Istati Membri li għad m'għandhomx il-kapacià analitika meħtieġa, il-laboratorji jenħtieġ li diġà jivvalidaw metodi analitiċi għall-PFASs fl-għalf.
- (9) Sabiex jiġi żgurat li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi tal-lott ikkampjunat, jenħtieġ li jiġu segwiti l-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni kif stipulati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1428 ⁽⁵⁾ li jistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll ta' sustanzi ta' perfluoralkil f'ċerti oġġetti tal-ikel.

B'DAN TIRRAKKOMANDA:

1. L-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-operaturi tan-negozji tal-ikel, jenħtieġ li jimmonitorjaw matul is-snin 2022, 2023, 2024 u 2025 il-preżenza tal-PFASs fl-ikel.

L-Istati Membri jenħtieġ li jittestjaw għall-preżenza fl-ikel tal-PFASs li ġejjin:

- (a) Aċidu perfluoroottansulfoniku (PFOS)
- (b) Aċidu perfluoroottanojku (PFOA);
- (c) Aċidu perfluorononanojku (PFNA);
- (d) Aċidu perfluoroeżan sulfoniku (PFHxS).

Jenħtieġ li l-Istati Membri, jekk ikun possibbli, jittestjaw ukoll għall-preżenza ta' komposti li huma simili għall-PFOS, il-PFOA, il-PFNA u l-PFHxS, iżda li għandhom katina alkilika differenti u b'okkorrenza rilevanti fl-ikel, fl-ilma tax-xorb u/jew fis-seru tal-bniedem bħal:

- (a) Aċidu perfluorobutanojku (PFBA);
- (b) Aċidu perfluoropentanojku (PFPeA);

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jfissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1428 tal-24 ta' Awwissu 2022 jistabbilixxi metodi għall-kampjunar u għall-analiżi għall-kontroll tas-sustanzi perfluoroalkilici f'ċerti oġġetti tal-ikel (ara paġna 66 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (c) Aċidu perfluworoeżanojku (PFHxA);
- (d) Aċidu perfluworoeptanojku (PFHpA);
- (e) Aċidu perfluworodekanojku (PFDA);
- (f) Aċidu perfluworoundekanojku (PFUnDA);
- (g) Aċidu perfluworododekanojku (PFDoDA);
- (h) Aċidu perfluworotridekanojku (PFTrDA);
- (i) Aċidu perfluworotetradekanojku (PFTeDA);
- (j) Aċidu perfluworobutan sulfoniku (PFBS);
- (k) Aċidu perfluworopentan sulfoniku (PFPS);
- (l) Aċidu perfluworoeptan sulfoniku (PFHpS)
- (m) Aċidu perfluworononan sulfoniku (PFNS)
- (n) Aċidu perfluworodekan sulfoniku (PFDS)
- (o) Aċidu perfluworoundekan sulfoniku (PFUnDS);
- (p) Aċidu perfluworododekan sulfoniku (PFDoDS);
- (q) Aċidu perfluworotridekan sulfoniku (PFTrDS);
- (r) Perfluworoottan sulfonamid (FOSA).

L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll l-ittestjar għall-preżenza fl-ikel ta' PFASs emerġenti, bħal:

- (a) l-aċidu 2-[(6-klor-1,1,2,2,3,3,4,4,5,5,6,6-dodekafluworeżil)ossi]-1,1,2,2-tetrafluworetansulfoniku (il-forma aċida tal-F53B);
- (b) l-aċidu 2,3,3,3-tetrafluwor-2-(eptafluworpropossi)-propanojku (il-forma aċida ta' GenX);
- (c) l-aċidu (2,2,3-Trifluwor-3-[1,1,2,2,3,3-ezafluwor-3-(trifluwormetossi)propossi]-propjoniku (il-forma aċida ta' ADONA);
- (d) 1-Propanamminju, N,N-dimetil-N-ossidu-3-[(3,3,4,4,5,5,6,6,7,7,8,8,8-tridekafluworoottil)sulfonil]ammino]-, idrossidu (Capstone A);
- (e) 1-Propanamminju, N-(karbossimetil)-N,N-dimetil-3-[(3,3,4,4,5,5,6,6,7,7,8,8,8-tridekafluworoottil)sulfonil]ammino]-, idrossidu (Capstone B);
- (f) Alkoħols u sulfonati tal-fluworotelomeri.

2. Il-monitoraġġ jenħtieġ li jinkludi varjetà wiesgħa ta' oġġetti tal-ikel li jirriflettu d-drawwiet tal-konsum, inklużi l-frott, il-ħxejjex, l-għeruq u t-tuberi tal-lamtu, l-alka tal-baħar, iċ-ċereali, il-ġewż, iż-żrieragħ żejtnija, l-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar, l-ikel li joriġina mill-annimali, ix-xorb mhux alkoħoliku, l-inbid u l-birra.

Id-*data* jenħtieġ li tinġabar għall-firxa li ġejja ta' tipi ta' produzzjoni jew karatteristiċi tal-prodott:

- (a) għal prodotti minn tipi differenti ta' produzzjoni, inkluża l-produzzjoni organika;
- (b) għal prodotti tal-annimali, għal prodotti minn annimali b'aċċess fuq barra għall-ħamrija jew l-ilma u għal prodotti minn annimali mingħajr aċċess fuq barra għall-ħamrija jew l-ilma;
- (c) għall-prodotti tal-annimali, għal prodotti minn firxa wiesgħa ta' speċijiet imrobbija u selvaġġi, li huma rappreżentattivi tad-drawwiet tal-konsum nazzjonali;
- (d) għall-patata, għall-patata mqaxxa jew, għall-varjetajiet tal-patata, li tiġi kkunsmata bil-qoxra, għall-patata mhux imqaxxa, sakemm dan ikun indikat b'mod ċar fis-sottomissjoni tad-*data*;
- (e) għall-fungi, għall-fungi selvaġġi u mrobbija.

Il-parti tal-oġġetti tal-ikel li tittiekel biss jenħtieġ li tiġi analizzata. Il-frott, il-ħxejjex, l-għeruq u t-tuberi tal-lamtu jenħtieġ li jinħaslu qabel ma jittieħdu l-kampjuni, filwaqt li jiġi żgurat li ma jiġux introdotti kontaminazzjonijiet addizzjonali tal-PFASs permezz tal-ilma tal-ħasil. L-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar jenħtieġ li jiġi analizzat niexef jew likwidu, kif kummerċjalizzat.

Jenħtieġ li tinġabar *data* għall-ikel prodott f'regġuni mhux imniġġsa, iżda tista' tiġi rrapportata wkoll *data* minn ikel minn regġuni mniġġsa, sakemm dan ikun indikat b'mod ċar, meta d-*data* tiġi rrapportata lill-Awtorità.

3. L-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-operaturi tan-negozju tal-ikel, jenħtieġ li jiġbru informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet tal-PFASs fi prodotti nejjin u pproċessati mill-istess lott ta' prodotti nejjin u jiddeterminaw il-fatturi tal-ipproċessar għal diversi prodotti pproċessati, b'mod partikolari, ġobon, trab tax-xorrox, isfar tal-bajd, prodotti fini tal-forn b'kontenut għoli ta' bajd u prodotti tal-laħam li fihom il-fwied.
4. L-Istati Membri, li għandhom il-kapaċità analitika li janalizzaw il-PFASs fl-għalf, jenħtieġ li ukoll jimmonitorjaw il-PFASs fl-għalf. L-Istati Membri li għad m'għandhomx il-kapaċità analitika meħtieġa jenħtieġ li jivvalidaw metodi analitiċi għall-PFASs fl-għalf.
5. Jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu l-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni kif stabbiliti fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1428 li jistabbilixxi metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi għall-kontroll ta' sustanzi ta' perfluoralkil f'ċerti oġġetti tal-ikel.
6. L-analiżijiet jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁶⁾ billi jintuża metodu ta' analiżi li ġie ppruvat li jagħti riżultati affidabbli. Il-limiti tal-kwantifikazzjoni tal-metodi analitiċi jenħtieġ li jkunu taħt jew fil-livell ta':
 - (a) 0,002 µg/kg għall-PFOS, 0,001 µg/kg għall-PFOA, 0,001 µg/kg għall-PFNA u 0,004 µg/kg għall-PFHxS fil-frott, fil-ħxejjex, fl-għeruq u fit-tuberi tal-lamtu u fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar
 - (b) 0,010 µg/kg għall-PFOS, 0,010 µg/kg għall-PFOA, 0,020 µg/kg għall-PFNA u 0,040 µg/kg għall-PFHxS fil-ħalib
 - (c) 0,10 µg/kg għall-PFOS, il-PFOA, il-PFNA u l-PFHxS fil-laħam tal-ħut u fil-laħam tal-annimali terrestri
 - (d) 0,30 µg/kg għall-PFOS, il-PFOA, il-PFNA u l-PFHxS fil-bajd, fil-krustaċji u fil-molluski.
 - (e) 0,50 µg/kg għall-PFOS, il-PFOA, il-PFNA u l-PFHxS fil-ġewwieni li jittiekel tal-annimali terrestri u fiż-żejt tal-ħut.

L-Istati Membri li jużaw metodi li ma jistgħux jilhqqu dawn il-limiti ta' kwantifikazzjoni jistgħu jissottomettu riżultati miksuba b'metodi b'limiti ogħla ta' kwantifikazzjoni. Madankollu, daww l-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jiksbu l-limiti ta' kwantifikazzjoni fil-mira malajr kemm jista' jkun.
7. Investigazzjoni ulterjuri tal-kawżi tal-kontaminazzjoni jenħtieġ li titwettaq meta jinqabżu l-livelli indikattivi li ġejjin:
 - (a) 0,010 µg/kg għall-PFOS, 0,010 µg/kg għall-PFOA, 0,005 µg/kg għall-PFNA u 0,015 µg/kg għall-PFHxS fil-frott, fil-ħxejjex (minbarra l-faqqiegħ selvaġġ), fl-għeruq u fit-tuberi tal-lamtu;
 - (b) 1,5 µg/kg għall-PFOS, 0,010 µg/kg għall-PFOA, 0,005 µg/kg għall-PFNA u 0,015 µg/kg għall-PFHxS fil-faqqiegħ selvaġġ;
 - (c) 0,020 µg/kg għall-PFOS, 0,010 µg/kg għall-PFOA, 0,050 µg/kg għall-PFNA u 0,060 µg/kg għall-PFHxS fil-ħalib;
 - (d) 0,050 µg/kg għall-PFOS, 0,50 µg/kg għall-PFOA, 0,050 µg/kg għall-PFNA u 0,050 µg/kg għall-PFHxS fl-ikel tat-trabi⁽⁷⁾.

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

⁽⁷⁾ Ikel tat-trabi kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar, ikel għal skopijiet mediċi speċjali, u bħala sostitut tad-dieta kollha għall-kontroll tal-piż u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/52/KEE, id-Direttivi tal-Kummissjoni 96/8/KE, 1999/21/KE, 2006/125/KE u 2006/141/KE, id-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 41/2009 u (KE) Nru 953/2009 (ĠU L 181, 29.6.2013, p. 35).

8. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu d-*data* ta' monitoraġġ lill-Awtorità fuq bażi regolari, flimkien mal-informazzjoni u fil-format ta' rapportar elettroniku kif stabbilit mill-Awtorità, għall-kompilazzjoni f'bażi tad-*data* waħda. L-Istati Membri jenħtieġ li:
- (a) jirrapportaw *data* minn reġjuni b'livell għoli ta' tniġġis ambjentali magħruf bħala kampjuni suspettużi, b'mod partikolari għall-ħut, il-kaċċa, pollam bi trobbija fil-beraħ u pollam ta' barra, il-frott u l-ħxejjex ta' barra;
 - (b) jispeċifikaw it-tip ta' produzzjoni, b'mod partikolari għall-prodotti tal-annimali (selvaġġi, miġbura jew ikkaċċjati versus produzzjoni mhux organika mrobbija jew produzzjoni organika mrobbija; trobbija fil-beraħ jew produzzjoni fuq barra versus metodi ta' produzzjoni fuq ġewwa) u fungi (selvaġġi jew miġbura versus imrobbija);
 - (c) għal-laħam u l-ġewwieni tal-kaċċa, jirrapportaw l-età tal-annimali, fejn ikun possibbli; u
 - (d) għall-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, jirrapportaw l-ingredjenti ewlenin (il-ħalib tal-baqar, il-fażola tas-sojja, il-ħut, il-laħam tal-annimali terrestri, iċ-ċereali, il-ħxejjex jew il-frott).

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni
